

Brussell, 13 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15199/25

**AGRI 592**  
**AGRIFIN 141**  
**FIN 1329**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 684 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar in-nefqa tal-FAEG Sistema ta' Twissija Bikrija 1-6/2025

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 684 final.

Mehmuż: COM(2025) 684 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.11.2025  
COM(2025) 684 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar in-nefqa tal-FAEG**

**Sistema ta' Twissija Bikrija 1-6/2025**

## 1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2025

Fis-27 ta' Novembru 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-2025. Il-baġit għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jammonta għal EUR 39 975,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u għal EUR 40 030,7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Ir-raġuni għall-ammonti differenti għaż-żewġ tipi ta' approprjazzjonijiet hija l-użu ta' approprjazzjonijiet differenzjati għal ċerti miżuri implimentati direttament mill-Kummissjoni. Dawn huma prinċipalment relatati mal-miżuri ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli u mal-miżuri ta' strateġija tal-politika, ta' koordinazzjoni u ta' awditjar.

## 2. DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG

Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2021/2116, id-dħul li joriġina mill-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qafas tad-deċizzjonijiet dwar il-kontabbiltà u l-prestazzjoni kif ukoll mill-irregolaritajiet, jikkostitwixxi dħul assenjat għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG.

Skont l-Artikolu 45(2), id-dħul assenjat jista' jerġa' jintuża biex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' kwalunkwe nefqa tal-FAEG. Id-dħul assenjat miġbur u li jibqa' ma jintużax matul is-sena finanzjarja jiġi riportat awtomatikament għas-sena finanzjarja ta' wara<sup>1</sup>.

Il-baġit tal-FAEG tal-2025 jinkludi:

- l-istimi tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-miżuri tas-suq (inkluża r-riżerva għall-agrikoltura) u l-pagamenti diretti taħt ġestjoni kondiviża u nefqa oħra taħt ġestjoni diretta;
- l-istimi tad-dħul assenjat li għandu jinġabar matul is-sena finanzjarja;
- u r-riport tal-bilanċ tad-dħul assenjat li kien għadu disponibbli mis-sena finanzjarja ta' qabel.

Fil-proposta tagħha għall-appropriazzjonijiet tal-baġit tal-FAEG tal-2025, il-Kummissjoni qieset id-dħul assenjat totali mistenni. Għall-baġit tal-2025, il-Kummissjoni talbet livell ta' approprjazzjonijiet ikkalkulat billi jitnaqqas id-dħul assenjat stmat mill-ħtiġijiet stmati. L-Awtorità tal-Baġit adottat il-baġit tal-FAEG tal-2025 filwaqt li qieset id-dħul assenjat mistenni.

Meta ġie stabbilit il-baġit tal-2025, l-istima tal-Kummissjoni tad-dħul assenjat disponibbli kienet tammonta għal EUR 949,4, li minnhom, EUR 554,4 miljun kienu ġew riportati mill-Baġit tal-2024. Il-Kummissjoni qieset li dan l-ammont riportat u d-dħul stmat li jrid

---

<sup>1</sup> L-Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni jiddetermina li l-appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat intern jistgħu jiġu riportati biss għas-sena finanzjarja ta' wara. Għalhekk, fl-interessi ta' ġestjoni baġitarja tajba, dan id-dħul assenjat ġeneralment jintuża l-ewwel, qabel l-appropriazzjoni vvotata tal-artikolu baġitarju kkonċernat.

jinġabar fl-2025 meta talbet l-appropriazzjonijiet għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà (il-partita 08 02 04 01). Is-somma tal-appropriazzjonijiet ivvutati għal din l-iskema u d-dħul assenjat stmat hija ta' EUR 18 959 miljun.

Id-dħul assenjat eventwalment riportat mill-2024 kien marġinalment ogħla, u jammonta għal EUR 555,8 miljun.

### **3. TABELLA TAL-KONSUM PROVIŻORJU FIT-30 TA' APRIL 2025**

Dan ir-rapport jippreżenta l-implimentazzjoni proviżorja tal-baġit tal-2025 għall-FAEG fit-30 ta' April 2025 u d-dettalji jinsabu fit-tabella hawn taħt.

Qed isir tqabbil bejn il-livell ta' implimentazzjoni u l-profil tan-nefqa tas-sistema ta' twissija bikrija li għet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/2116.

Baġit 2025 <sup>(1)</sup>  
**KONSUM PROVIŻORJU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG**

Is-sitwazzjoni fit-30/04/2025  
 f'miljuni ta' Eur

	Baġit tal-appropriazzjonijiet <sup>(2)</sup>	Konsum minn Novembru sa April	Użu		Profil tal-konsum f'April		Diskrepanza bejn l-implimentazzjoni u l-profil		
			miljuni ta' EUR	miljuni ta' EUR	%	%	miljuni ta' EUR	%	miljuni ta' EUR
			A	B	C=B/A	D	E=D*A	F=C-D	G=B-E
<b>Nefqa</b>	<b>39,975.9</b>	<b>35,014.7</b>	<b>87.6%</b>	<b>85.0%</b>	<b>33,990.7</b>	<b>2.6%</b>	<b>1,024.0</b>		
<b>08 01 Nefqa amministrattiva ta' appoġġ tal-Cluster "Agrikultura u Politika Marittima"</b>	<b>2.7</b>	<b>2.3</b>	<b>83.9%</b>	<b>81.1%</b>	<b>2.2</b>	<b>2.8%</b>	<b>0.1</b>		
<b>08 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-"Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija"</b>	<b>2.7</b>	<b>2.3</b>	<b>83.9%</b>	<b>81.1%</b>	<b>2.2</b>	<b>2.8%</b>	<b>0.1</b>		
<b>08 02 Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)</b>	<b>39,973.2</b>	<b>35,012.4</b>	<b>87.6%</b>	<b>85.0%</b>	<b>33,988.5</b>	<b>2.6%</b>	<b>1,023.9</b>		
<b>08 02 01 Riżerva għall-agrikultura (* p.2)</b>	<b>280.2</b>	<b>191.8</b>	<b>68.4%</b>						
<b>08 02 02 Tipi ta' interventi f'ċerti setturi taħt il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</b>	<b>1,795.2</b>	<b>462.9</b>	<b>25.8%</b>	<b>21.5%</b>	<b>386.5</b>	<b>4.3%</b>	<b>76.4</b>		
08 02 02 01 Setturi tal-frott u l-ħxejjex	769.0	133.9	17.4%	14.6%	112.5	2.8%	21.5		
08 02 02 02 Setturi tal-prodotti tal-apikultura	58.0	3.4	5.8%	6.5%	3.8	-0.7%	-0.4		
08 02 02 03 Setturi tal-inbid	884.0	311.8	35.3%	27.0%	238.5	8.3%	73.4		
08 02 02 04 Setturi tal-ħops	2.2	2.2	100.0%	100.0%	2.2	0.0%	0.0		
08 02 02 05 Setturi taż-żejt taż-żebuga u taż-żebuga tal-mejda	45.0	3.4	7.6%	45.1%	20.3	-37.4%	-16.8		
08 02 02 06 Setturi oħra	37.0	8.1	22.0%	25.2%	9.3	-3.2%	-1.2		
<b>08 02 03 Nefqa relatata mas-suq barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</b>	<b>1,065.0</b>	<b>475.7</b>	<b>44.7%</b>	<b>42.7%</b>	<b>455.2</b>	<b>1.9%</b>	<b>20.5</b>		
08 02 03 01 POSEI u l-Gżejjer minuri tal-Eġew (eskluż il-pagamenti diretti)	226.0	156.1	69.1%	67.8%	153.3	1.3%	2.9		
08 02 03 02 Promozzjoni tal-prodotti agrikoli — Programmi sempliċi taħt ġestjoni kondiviża	81.0	27.4	33.9%	36.8%	29.8	-2.9%	-2.4		
08 02 03 03 Promozzjoni ta' prodotti agrikoli — diversi programmi u azzjonijiet implimentati mill-Kummissjoni taħt ġestjoni diretta	40.0	0.7	1.6%	0.0%	0.0	1.6%	0.7		
08 02 03 04 Skemi għall-iskejjel	200.0	116.6	58.3%	53.8%	107.7	4.5%	8.9		
08 02 03 05 Żejt taż-żebuga	p.m.	0.0							
08 02 03 06 Frott u ħxejjex	393.0	92.1	23.4%	20.2%	79.6	3.2%	12.5		
08 02 03 07 Inbid	125.0	82.8	66.3%	67.9%	84.9	-1.7%	-2.1		
08 02 03 08 Apikultura	p.m.	0.0							
08 02 03 09 Hops	p.m.	0.0							
08 02 03 10 Miżuri ta' ħżin pubbliċi u privati	p.m.	0.0							
<b>08 02 04 Tipi ta' interventi b'pagamenti diretti taħt il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</b>	<b>36,143.6</b>	<b>33,493.1</b>	<b>92.7%</b>	<b>90.7%</b>	<b>32,784.7</b>	<b>2.0%</b>	<b>708.4</b>		
08 02 04 01 Appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà (** p.2)	18,009.6	17,821.8	99.0%	97.9%	17,640.0	1.0%	181.8		
08 02 04 02 Appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà	4,019.0	3,799.6	94.5%	95.2%	3,825.6	-0.6%	-26.0		
08 02 04 03 Appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażaġh	700.0	602.8	86.1%	84.5%	591.2	1.7%	11.6		
08 02 04 04 Skemi għall-klima u l-ambjent	8,701.0	7,423.8	85.3%	80.1%	6,968.8	5.2%	455.1		
08 02 04 05 Appoġġ akkoppjat għall-introjtu	4,472.0	3,642.7	81.5%	79.3%	3,545.6	2.2%	97.1		
08 02 04 06 Pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton	242.0	202.2	83.6%	88.2%	213.5	-4.6%	-11.2		
<b>08 02 05 Pagamenti diretti barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</b>	<b>474.0</b>	<b>326.1</b>	<b>68.8%</b>	<b>68.6%</b>	<b>324.9</b>	<b>0.3%</b>	<b>1.2</b>		
08 02 05 01 POSEI u l-Gżejjer Minuri tal-Eġew (pagamenti diretti)	444.0	307.4	69.2%	68.7%	305.0	0.5%	2.4		
08 02 05 02 Skema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE)	2.8	1.0	37.4%	62.1%	1.7	-24.7%	-0.7		
08 02 05 03 Pagament ridistributtiv	0.2	0.2	104.6%	76.0%	0.2	28.6%	0.1		
08 02 05 04 Skema ta' pagament bażiku (BPS)	13.0	9.2	71.1%	66.2%	8.6	4.9%	0.6		
08 02 05 05 Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent	9.3	5.7	61.6%	68.2%	6.3	-6.6%	-0.6		
08 02 05 06 Pagament għall-bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali	p.m.	0.0							
08 02 05 07 Pagament għall-bdiewa żgħażaġh	0.6	0.3	53.6%	66.9%	0.4	-13.3%	-0.1		
08 02 05 08 Pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton	0.2	0.2	81.1%	89.6%	0.2	-8.5%	0.0		
08 02 05 09 Skema ta' għajnunha akkoppjata volontarja	3.6	1.8	48.6%	64.0%	2.3	-15.3%	-0.6		
08 02 05 10 Skema għall-bdiewa żgħar	0.3	0.3	91.8%	70.5%	0.2	21.4%	0.1		
<b>08 02 06 Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar</b>	<b>214.7</b>	<b>62.5</b>	<b>29.1%</b>	<b>17.2%</b>	<b>36.9</b>	<b>11.9%</b>	<b>25.6</b>		
08 02 06 01 Korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara l-approvazzjoni tal-kontijiet u d-Deċizzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità	113.1	0.0	0.0%	0.0%	0.0	0.0%	0.0		
08 02 06 02 Soluzzjoni għat-tilwim	p.m.	3.4							
08 02 06 03 FAEG — Assistenza teknika operazzjonali	101.6	59.1	58.2%	36.3%	36.9	21.9%	22.2		
<b>08 02 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti</b>	<b>0.5</b>	<b>0.3</b>	<b>62.5%</b>	<b>52.3%</b>	<b>0.3</b>	<b>10.2%</b>	<b>0.1</b>		

<sup>(1)</sup> Sena finanzjarja = mis-16/10/2024 sal-15/10/2025 iżda n-nefqa taħt il-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni possibbli sal-31/12/2025.

<sup>(2)</sup> Jikkonċerna l-appropriazzjonijiet ta' impenn.

**Baġit 2025 <sup>(1)</sup>**  
**KONSUM PROVIŻORJU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG**

**Sitwazzjoni fit-30/04/2025**  
**f'miljuni ta' Eur**

		Baġit tal-appropriazzjoni jiet <sup>(2)</sup>	Konsum minn Novembru sa April	Użu	Profil tal-konsum f'April		Diskrepanza bejn l-implimentazzjoni u l-profil	
		miljuni ta' EUR	miljuni ta' EUR	%	%	miljuni ta' EUR	%	miljuni ta' EUR
		A	B	C=B/A	D	E=D*A	F=C-D	G=B-E
	(*) Riżerva għall-Agricoltura inkluż it-366,5 miljun euro riportati mis-sena finanzjarja 2024:							
08 02 01	Riżerva għall-agricoltura - inkluż ir-riport mis-sena finanzjarja preċedenti <sup>(5)</sup>	646.7	191.8	29.7%				
	(**) Għall-informazzjoni biss: in-nefqa mqabbla mal-appropriazzjonijiet oriġinali u d-dħul assenjat							
08 02 04 01	Appoġġ bażiku għall-introjt għas-sostenibbiltà - inkluż id-dħul assenjat	18,959.0	17,821.8	94.0%	97.9%	18,569.9	-3.9%	-748.1
	<b>Dħul Assenjat (3) (4)</b>	<b>949.4</b>	<b>685.7</b>	<b>72.2%</b>				
6 2 0 0	Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — dħul assenjat smat li jrid jinġabar fis-sena finanzjarja	395.0	129.9	32.9%				
	Dħul assenjat riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	554.4	555.8	100.3%				

<sup>(1)</sup> Sena finanzjarja = mis-16/10/2024 sal-15/10/2025 iżda n-nefqa taħt il-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni possibbli sal-31/12/2025.

<sup>(2)</sup> Jikkonċerna l-appropriazzjonijiet ta' impenn.

<sup>(3)</sup> Dħul assenjat għall-Appoġġ Bażiku għall-Introjt għas-Sostenibbiltà, biex titnaqqas il-ħtieġa għall-appropriazzjonijiet tal-baġit.

<sup>(4)</sup> Inkluż id-dħul assenjat mir-Renju Unit li kien Stat Membru sal-31/01/2020

<sup>(5)</sup> Din tinkludi l-implimentazzjoni totali, inkluż l-appropriazzjonijiet ġodda u l-appropriazzjonijiet riportati mis-sena/snin preċedenti.

#### 4. KUMMENTI DWAR IR-RIŻERVA GĦALL-AGRIKOLTURA TAL-2025

Il-Baġit tal-2025 jinkludi ammont ta' EUR 646,7 miljun għar-riżerva għall-agricoltura, inkluż riport ta' EUR 366,5 miljun mill-Baġit tal-2024.

Sa issa, din is-sena baġitarja ġew adottati tliet miżuri, li jallokaw EUR 113,7 miljun<sup>2</sup>.

In-nefqa totali magħmula għar-riżerva għall-agricoltura sal-aħħar ta' April, għall-miżuri adottati fis-sena finanzjarja 2024 b'data ta' eliġibbiltà fis-sena finanzjarja 2025, tammonta għal EUR 191,8 miljun.

<sup>2</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/441 tas-6 ta' Marzu 2025 li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli affettwati minn eventi klimatiċi avversi u diżastri naturali fi Spanja, fil-Kroazja, f'Ċipru, fil-Latvja u fl-Ungerija, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (ĠU L, 2025/441, 10.3.2025

ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2025/441/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/441/oj)

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1137 tal-10 ta' Ġunju 2025 li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli affettwati minn avvenimenti klimatiċi avversi u diżastri naturali fiċ-Ċekja u fis-Slovenja, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (ĠU L, 2025/1137, 11.6.2025

ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2025/1137/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1137/oj)

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1145 tal-10 ta' Ġunju 2025 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-settur tal-ħalib u għas-settur tal-laħam tal-majjal fil-Ġermanja (ĠU L, 2025/1145, 11.6.2025

ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2025/1145/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1145/oj)

**5. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI PROVIŻORJA TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2025**

L-eżekuzzjoni proviżorja tal-appropriazzjonijiet tal-baġit tal-FAEG tal-2025, għall-perjodu sat-30 ta' April 2025, hija kemxejn ogħla mill-profil tan-nefqa kkalkulat (2,6 punti perċentwali).

Għall-kuntrarju tas-snin finanzjarji preċedenti, in-nefqa għat-tipi ta' interventi settorjali kumplessivi skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (08 02 02) turi devjazzjoni 'l fuq mill-profil.

Il-biċċa l-kbira tat-tipi ta' interventi tal-pagamenti diretti skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK (08 02 04) juru eżekuzzjoni tal-baġit li taqbeż l-aspettattivi.

Diġà huwa disponibbli dħul assenjat (6 2 0 0) ta' EUR 685,7 miljun, u huwa mistenni li jinġabru ammonti addizzjonali matul is-sena finanzjarja.

Abbażi tad-data disponibbli sal-aħħar ta' April, is-servizzi tal-Kummissjoni jassumu li l-appropriazzjonijiet ivvutati, flimkien mal-ammont tad-dħul assenjat mistenni li jkun disponibbli fi tmiem is-sena finanzjarja, se jkunu biżżejjed biex ikopru n-nefqa kollha.